IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

17 ta' Novembru 2016
107/2016

# L-ASSEMBLEA DJOĊESANA 2016 U GĦELUQ IL-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA FIL-FESTA TA' KRISTU RE

Il-Knisja f'Malta ser tlaqqa' l-Assemblea Djoċesana nhar il-Ġimgħa 18 u s-Sibt 19 ta' Novembru 2016, fil-Katekumenju, il-Mosta.

Il-laqgħa annwali ser tiffoka fuq il-konverżjoni għall-pastorali tal-ħniena, li l-Papa Franġisku tant qed jisħaq fuqha. Il-Ġimgħa filgħaxija, Fr Kevin Schembri u Dr Anna Vella ser jagħmlu preżentazzjoni ta' din it-tema. Is-Sibt filgħodu, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jispjega l-viżjoni tiegħu għall-Knisja f'Malta dwar it-tema tal-konverżjoni għall-pastorali tal-ħniena.

Għal din l-Assemblea jiġu mistiedna rappreżentanti mill-oqsma u l-entitajiet kollha tal-Knisja f'Malta; fost dawn, hemm il-provinċjali tal-kongregazzjonijiet reliġjużi, il-kappillani u rappreżentanti lajċi mill-parroċċi, u l-kapijiet tal-iskejjel tal-Knisja.

Fi tmiem din il-ġimgħa ser tiġi ċċelebrata wkoll il-Festa Liturġika ta' Kristu Re, li tagħlaq is-sena Liturġika tal-Knisja u l-Ġublew tal-Ħniena li nieda l-Papa Franġisku. Iċ-ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re ser issir il-Ħadd, 20 ta' Novembru 2016, fis-6.00 p.m., b'Quddiesa mmexxijja mill-Arċisqof fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina. Din iċ-ċelebrazzjoni ser tkun okkażjoni ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq il-Ġublew tal-Ħniena.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**